MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 382/2007

**APS Bank Ltd (C2192)**

**vs**

**Sharon u Aris-John konjugi Fenech**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta’ attrici nhar id-dsatax (19) ta’ Novembru 2007 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma t’erbat elef, disgha mija u disgha u erbghin lira maltin u sebgha u tletin centezmu (LM4,949.37) rappresentanti bilanc ta’ debitu relattiv mal-Current Account numru tnejn zero zero zero zero wiehed tnejn hamsa wiehed sebgha sitta (20000125176) u dan oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) mit-tletin ta’ Gunju 2007 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Ittri Legali datati sitta u ghoxrin (26) t’April 2007 u wiehed w ghoxrin (21) ta’ Mejju 2007,

tal-Ittra Ufficcjali bin-numru 5587/07 datata tnejn (2) t'Ottubru 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan ir-rikors, u bl-imghax b'effett mit-tlettin (30) ta' Gunju 2007 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ngunti 'n subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimati fejn eccepew bir-rispett is-segwenti:-

1. Prelimarjament il-proceduri tar-rikors, huma nulli ghaliex il-pretensjoni fih inkorporata, ma hiex fondata fuq *causa precisata*.

2. Minghajr pregudizzju li s-somma fir-rikors inikata ta' LM4,949.37 tikkontrasta ma dik kontenuta fl-Ittra Ufficcjali tat-tnejn (2) t'Ottubru 2007 fejn hija ndikata bhala LM4,883.23.

3. Minghajr pregudizzju l-azzjoni hija preskritta.

4. Minghajr pregudizzju li jekk l-azzjoni hija basata fuq pretensjoni li nhargu *cheques fictitious* kif qed jigi allegat, l-azzjoni ghal prova dwar il-genwinita jew il-validita tac-*cheques* ghandha tigi ntavolata quddiem Qorti kompetenti fil-pajjiz fejn inhargu ic-*cheques*.
5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi nhar it-tmintax (18) ta' Gunju 2008 is-socjeta rikorrenti pprezentat l-affidavit ta' **Cheryl Azzopardi** *signatory clerk* mas-socjeta' attrici li gie mmarkat bhala Dok. APS 01 fejn fih tispjega li nhar il-hdax (11) t'Ottubru 2006 l-intimata, li diga' kienet klijenta mal-Bank, marret fil-fergha tal-Belt tas-socjeta' attrici u fethet kont tat-tip *savings foreign currency* f'USD. Hija ddepositat zewg cekkijiet li kienu jammontaw wiehed ghal USD 7.850 u l-iehor ghal USD 7,600. Dawn ic-cekkijiet kienu mahrugin fuq Community National Bank of Sarasota County, Venice, Florida. Sussegwentement, matul ix-xhur ta' Jannar u Frar 2007, l-intimata ghamlet xi transazzjonijiet fil-kontijiet taghha fosthom s-segwenti:-
- Ittrasferiet f'total ta' 6,315 USD (LM2,711.03) fil-kont kurrenti taghha;

- Ittrasferiet is-somma ta’ 4,658.75 USD (LM2,000) fil-kont ta’ persuna ohra;
- Gibdet is-somma ta’ 698.81 USD (LM300).

Spjegat li fit-tlettax (13) ta’ Frar 2007 hi gibdet il-bilanc li kien baqghalha ghal ammont ta’ USD128.01 w ghalqet il-kont *savings foreign currency*.

In segwitu l-Bank gie nfurmat li dawk iz-zewg cekkijiet imsemmija aktar ‘l fuq, kienu frawdolenti w ghalhekk fis-sebgha w ghoxrin (27) t’April 2007 kienet saret laqgha bejn rapprezentanti tal-Bank u l-intimati, fejn f’din il-laqgha gie spjegat lilhom li c-cekkijiet kienu foloz u minhabba li l-intimata kienet diga gibdet il-flus il-Bank, ried jigbor lura is-somma ta’ USD 15,450.

Tghid li l-intimata ma setghetx tifhem din il-procedura minhabba li hi kienet halliet bejn erba’ u hames gimghat qabel ma gibdet il-flus. Hawnhekk gie spjegat lilha li mnhabba l-legislazzjoni li tesisti, cekk jista jigi lura mill-Amerika bhala frawdolenti sa sitt xhur mid-data ta’ meta ssarraf ic-cekk. Ghalhekk, kif jirrizulta mill-ittra annessa bhala Dok. CA 1, l-intimata giet formalment mitluba mill-Bank, sabiex tirrifondi lura l-flus. Hija dak il-mument spjegat li zewgha kien imsiefer u li kienu ghaddejjin minn mumenti difficili.

Peress illi l-intimati baqghu ma hallsux lura lil Bank dak dovut lilu u lanqas m’ghamlu xi proposta f’dan ir-rigward, fil-wiehed w ghoxrin (21) ta Mejju 2007 il-Bank rega’ kiteb lill-intimati, kif anke jirrizulta mid-dokument esebit u mmarkat bhala Dok. CA 3, hija ma wegbietx ghal din l-ittra u kien ghalhekk li l-Bank ipproceda ulterjorment.

Spjegat li l-ahhar depositu li kien sar fil-kont tal-intimati kien fid-disgha w ghoxrin (29) ta’ Jannar 2007 w ghalhekk, fil-fehma taghha, l-azzjoni ma hiex preskritta. Ikkonfermat li minn meta nfethet il-kawza sa ma pprezentat dan l-istess affidavit, l-intimati ma kienu ghamlu l-ebda pagament. Spjegat ukoll li l-Bank ghamel ukoll investigazzjoni ulterjuri mal-pulizija esekuttiva dwar ic-

cekkijiet u sahansitra irraporta il-kaz lil Economic Crime Unit.

In kontr'esami ix-xhud tghid li huwa minnu li z-zewg cekkijiet kienu ntbaghtu barra ghal *clearing* izda dawn ma gewx *cleared* ghax kienu foloz.

Illi nhar is-26 ta' Jannar 2010 ix-xhud regghet xehdet in kontro ezami. Ikkonferma li l-konvenuta inghatat loan ta elfejn lira maltin f'Novembru 2003 meta hija kienet ghadha Sultana u dan skond id-dokument li gie esebit u markat bhala dok Z1. Qalet li dan il-loan kien over due b'xaghrejn mill-iskadenza tieghu. Hija kellha thalls pagamenti mensili ta' LM61 skond l-istanding order li iffirmat hi stess skond id-dokument esebit u markat bhala dok Z2.

Spjegat li meta l-Bank ra hekk li kienet over due u ra li hija kellha credit balance f'kont iehor ghamel it-trasferimetn necesarju sabiex jiehu –flus mill-kont taghha li kien credit biex ihallas il-loan u ghalhekk gie applikat ir-right if set off fejn gie settiljat il-credit kontra l-credit balance taghha. Hija esebiet kopja ta' dawn it-transactions li gew markati bhala dok Z3.

Ikonfermat li l-kont imsemmi fit-tahrika li irceviet u cioe nurmu 2000059752-7 infetah u ghalaq il-kont tal-loan. Hija eebiet kopja ta' l-opening accout li gie markat bhala dokumetn Z4 ta dan l-istess kont numru 2000059752-7. Dan huwa tat-tip interest disposal account. Huwa esebixxa kopja ta' dan l-istatement li gie markat bhala dok Z5.

Huma ma infurmawx lill-konvenuta li kienu ser ighamlu settlement kif spjegat aktar 'l fuq. Mistoqsija jekk ghamlux verifika sabeix jaraw jekk il-flejjes li huma hadu kienux tal-konvenuta jew le ix-xhud twiegeb lid an m'ghamlitux u dan ghaleix ghaliha il-flus kienu taghha ghaleix kienu f'kont f'ismiha bl-isetess designation taghha. Ikkonfermat li l-kont Foreign savings Currency huwa intestat f'isem il-konvenuta biss.

Hija giet murija document markat bhala dok Z6 u qalet li dak kien statement tal-kont kurrenti tal-konventa. Ikkonfermat li f'dan il-kont kien gie depostiat ic-cheque li wara irrizulta li kien falz u kien ghalhekk li hem zewg entrati ta debit balance.

Ikkonfermat ukoll li ghalkemm dan is-set off ma sarx bil-kunsens a priori tal-klijenta xorta wahda il-bank baghat kopja tat-transaction relattiva li huwa ghamel u l-konevnuta qatt ma ikkontestatu.

Illi nhar l-ghoxrin (20) ta' Jannar 2009 xehdet l-intimata **Sharon Fenech** w ikkonfermat li hija qatt ma tat struzzjonijiet lil Bank sabiex jaghmel xi haga ghan-nom taghha u lanqas qatt ma tat xi istruzzjonijiet sabiex il-Bank jithallas ta' dak li kellu jiehu minghandha. Spjegat illi hija kienet irceviet xi flejjes minn barra u li kellha taghmel xi pagamenti barra minn Malta wkoll u fil-fatt dak li kienet ghamlet. Qalet li kienet irceviet ittra mill-Bank fejn giet infurmata li c-cekk li kienet irceviet minn barra, kien gie msarraf w ghalhekk, il-flus tal-*loan* hija ma missithomx. Qalet li kienet iddepostat ic-cekk li kienet irceviet minn barra, gewwa il-*current account* taghha. Ikkonfermat li verament in segwitu kellha laqgha mad-dirigenti tal-Bank, pero cahdet li l-Bank kien infurmaha minn qabel dwar il-problema li kien hemm. Tghid li qalulha li kien ser ikun hemm *manager* iehor, pero meta attendiet ghal laqgha, tghid li kien hemm xi sitt minn nies madwar mejda w infurmawha li ic-cekkijiet li kienet irceviet, kienu foloz. Qalet li giet infurmata hafna wara li kienu ghaddew il-hamsa w erbghin (45) jum u qalulha wkoll li setghet tiehu *loan* biex thallas lura l-flus li kienet gibdet. Hija marret ghand l-avukat taghha w allegatament dan qalilha li l-Bank kien ha zball u ghalhekk ma kellhiex thallas.

**Alex Camilleri** xehed fis-26 ta' Jananr 2010 u dan fil-kapacita tieghu ta internal auditor mal-Bank attrici. Dan stqarr li c-cheque in kwsitjoni tal-konvenuta gie ritornat lil bank qabel il-perijodu ta sitt snin u ghalhekk il-klawsola li tohrog mill clearing process ma tapplikax japplika biss l-artikolu 1022 u 1027 tal-kap 16. Ikkonferma lid an ic-cheque gie investigat u fil-fatt irriaulta lid an ic-cheque

kien malicious. Huma infurmaw lill-klijenta u cioe lill-konvenuta fis-27 ta' apri 2007 dwar dan u fil-fatt ghamlu meeting maghha u spjegawlha x'kienu ic-cirkostanzi u cioe li c-cheques in kwistjoni kienu foloz.

In kontro ezami ighid li hemm procedura tal-clearance il-Bank li jekk cheque jigi ritornat u mhux onerat il-Bank ikollu dritt ghall flus. Qal li meta huma poggew dan ic-cheque fil-kont tal-konvenuta ma kien hemm l-ebda riserva. Huma iddepozitaw ic-cheque billi iddepositaw il-flus fil-kont taghha u sa dak il-mument kollox kien sew. Huwa wara li jkun hemm numru ta granet sabiex ikun hem mil-clearance u cioe waqt l ic-cheque ikun fil-kont tal-klijenta. Wara sebghin jum dawn gew cleared u ma kienx hemm aktar problema u setghet uzathom.

Huwa ghamel referenza ghad-dokument esebit u amrkat bhala dok Z3 li fih hemm klawsola fejn il-Bank qed jirriserva d-dritt ghad-diskrezzjoi teighu sabiex jipposponi pagamenti jew withdrawals li ma jkunux gew cleared. Qal li din hija klawsola normali standard. Huma mexew skond id-dritt taghhom naxxenti mil-kodici civili.

**David Camilleri** xehed nhar is-26 ta' Jannar 2010 u dan fil-kariga tieghu ta APS Bank Mosta Branch. Mistoqsi jekk jafx lill-konevnuta jghid li personalment ma jafhiex. Ikkonferma pero li jaf li l-konvenuta kienet tmur il-Bank u tistaqsi jekk il-kont taghha huwiex cleared. Jaf ukoll li wara xi erbgha xhur li keinet iddepositat ic-cheque barrani kienet marret tigbed xi flus u huwa kien tahomla.

**Charmaine Corser** xehdet fil-kariga taghha ta Supervisor amal Bank attrici. Hija esebiet ittra li huma baghtu flimkien mac-chekkijiet barra minn Malta biex ic-cekkijiet jigu imsarfa. Dinm l-ittra giet markata bhala dok Z8. Hija esebiet dokuemtn iehor li gie markat bhala dok Z9 li jindika id-dokumenti kollha wiehed wiehed li gew listed. Esbiet kopja tal-vouchers tad-deposit li ghamlet il-konvenuta li gew markati bhala dok Z10 u Z11, tac-cekkijiet imsemmija li gew markati bhala dok Z12, kopja tal-messagg meta gew infurmati li c-cekkijiet kienu ha jigu lura li gie markat bhala dok Z13. Ikkonermat li c-cheques

kienu mmarkati bhala altered fictitious. Stqarr li fit-12 ta' ottubru 2006 huma kienu baghtu ic-cekkijiet lejn l-AMerika sabiex jigu imsara . Qalet li huma ircevew il-credit fil-Bank taghhom nhar it-13 ta' Ottubru 2006 pero dan ma kienx ifisser li l-flejjes gew cleared. Il-klijent kellu jsitenna perijodu sakemm jigu cleared. Qalet li jekk ma jircievu xejn minn barra ifiser li ma hemm l-ebda problema izda jekk jricievu xi document ifisser li kien hemm xi problema kif kien hemm f'dan il-kaz. Ikkonfermat li huma kienu baghtu ic-cekkijeit barra minn Malta fit-13 ta' ottubru 2006 u gew mgharfa li c-cekkijiet ma kienux tajbin fid-19 ta' ottubru 2006. Mistoqsi kif il-flus gew cleared meta kien hemm dan id-dokuemtn f'idejn il-Bank u coed ok Z13 ix-xhud ma setghetx twiegeb pero stqarret li naturalment kien hemm zball xi imkien.

Rat in-nota ta sottomissjonijiet tal-Bank attriciipprezentata nhar it-3 ta' Gunju 2010.

Ikkunsidrat:-

Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatti u cioe' li l-intimati kienu rcevew zewg cekkijiet minn barra u li dawn gew depositati f'kont kurrenti mal-Bank rikorrenti, w li wara l-intimata harget xi cekkijiet minn dan il-kont. Ma jidhirx li huwa kontestat lanqas li z-zewg cekkijiet li kienet irceviet l-intimata mill-Amerika kienu foloz u li ghalhekk l-intimata ma kellhiex flus fil-kont taghha sabiex tohrog cekkijiet ohra.

L-unika kontestazzjoni li jidher li hemm, huwa li l-intimati qed ighidu li gew infurmati dwar il-falsita' ta' dawn ic-cekkijiet hafna zmien wara li kienu gew depositati w ghalhekk, l-izball huwa tal-Bank w ghalhekk huma m'ghandhom jaghtu lura xejn lill-Bank.

**Ikkunsidrat ulterjorment:-**

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2004 fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe:-**

"*Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

*Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."*

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et</u>** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

"*Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Issa f'dan il-kaz, l-attur ressaq bhala prova lil Cheryl Fenech, *clerk signatory* mal-Bank rikorrenti, fejn stqarret

bil-gurament, li l-intimata Sharon Fenech kienet iddepositat zewg cekkijiet fl-ammont totali ta' USD 15,540 fil-kont taghha numru 2000477060 nhar il-hdax (11) t'Ottubru 2006. Illi sussegwentement, permezz ta' *SWIFT message*, il-Bank kien gie infurmat li dawn iz-zewg cekkijiet, li allegatament hargu minn Community National Sarasota County, Venice, Florida, kienu foloz.

Illi l-Bank ipprova, permezz ta' kopja ta' *statement* tal-intimata, li esebixxa bhala Dok. CA 4, kif in segwitu' hija ghamlet xi pagamenti mill-kont taghha w ghalhekk, il-kont taghha, li allegatament kien fih *credit*, spicca f'*debit* mal-Bank.

Illi l-Bank ipprova li huwa intima lill-intimata sabiex tirrifondi l-flejjes minnha wtilizzati permezz ta' zewg ittri li kopji taghhom huma esebiti f'dawn l-atti, izda l-intimata baqghet inadempjenti. Ghalhekk, kif stqarret l-istess Cheryl Fenech, fin-nuqqas ta' pagament maghmul mill-intimata, l-Bank ghadu kreditur taghha u dan fl-ammont indikat fir-rikors promotur.

L-intimata, min-naha taghha, stqarret li hija ma kienitx taf li c-cekkijiet kienu foloz u li l-Bank dam sabiex jinfurmaha li c-cekkijiet ma gewx onorati. Pero' fl-ebda stadju ma tghid li hija rritornat il-flejjes jew li m'utilizzatx il-flejjes migbuda mill-kont taghha ghall-uzu taghha.

L-intimati **fl-ewwel eccezzjoni** taghhom ighidu li r-rikors promotur huwa null ghaliex ma fihx *causa precisa*.

Illi minn ezami tar-rikors, jirrizulta li hemm talba ghal kundanna ta' somma flus. Issa minn ezami tad-dokumenti esebiti mar-rikors, jirrizulta minnufih ghal x'hiex huma dovuti l-flejjes rikjamati. M'hemmx dubbju li l-intimati kienu jafu dwar x'hiex tittratta t-talba rikorrenti, ghaliex kienu rcevew komunikazzjoni mill-Bank qabel u sahansitra l-intimata kienet anke attendiet ghal xi laqgha mal-Bank nhar is-sebgha w ghoxrin (27) t'April 2007, kif jirrizulta mill-minuti esebiti a fol. 15 li huma ffirmati minnha stess.

Ghalhekk tali eccezzjoni hija nfondata.

Illi t-**tieni eccezzjoni** hija fis-sens li s-somma ndikata fir-rikors bhala LM4,949.37, tikkontrasta ma' dik kontenuta fl-Ittra Ufficcjali tat-tnejn (2) t'Ottubru 2007 fejn hija ndikata allegatament bhala LM4,883.23.

Illi dwar dan, Cheryl Fenech stqarret li l-intimati ma hallsu xejn minn dak dovut lil Bank u cioe' mill-ammont mitlub fir-rikors. Ikkonfermat li l-ammont imsemmi fir-rikors, huwa kollu dovut.

L-intimati, min-naha taghhom, ma ressqu l-ebda prova sabiex ixekklu din il-prova u jipprovaw 'l ghala din is-somma reklamata fir-rikors mhix dovuta. L-Ittra Ufficcjali mhix esebita fl-atti w ghalhekk din il-Qorti mhix f''posizjoni li taghmel paraguni bejn dokument esebit u iehor li m'huwiex. Kien imiss lill-intimati jipprezentaw dokumentazzjoni kuntrarja ghal dak pretiz mill-Bank rikorrenti jekk jidhrilhom li l-ammont rikjest mhux dovut. Jigi osservat li kieku dak l-ammont mitlub kien inqas, kif donnu qed jippretendu l-intimati, allura kien jinkombi fuq l-intimati li jipproducu r-ricevuti relattivi fuq l-istregwa tal-massima *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.

Din il-prova 'n sostenn tal-allegazzjoni intimata, tirrizulta mankanti w ghalhekk tali eccezzjoni wkoll hija nfondata.

Fit-**tielet eccezzjoni** l-intimati ighidu li l-azzjoni hija preskritta, pero' ma jindikawx taht liema disposizjoni tal-ligi qed jibbazaw l-eccezzjoni taghhom.

Fis-sentenza moghtija nhar it-tletin (30) ta' Novembru, 2004 Citazzjoni Numru 1791/1999 fl-ismijiet **Maltacom plc. gia Korporazzjoni TeleMalta Vs Salina Co.Limited** inghad li:

*"In oltre, skond l-Art. 2111, il-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata; li jfisser li l-qorti ma tistax tissuplixxi ex officio ghan-nuqqas tal-parti u m'ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara hijex applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni*

*partikolari li ma tkunx indikata b' mod car u esplicitu minn min jinvoka"* [PA.[PS] **<u>Donald Manche noe vs Joseph Said</u>** - 28 ta' Gunju 2003 – vide kazistika citata] [sottolinear ta' din il-Qorti].

Illi ghalhekk, a bazi tal-konsiderazzjonijiet premessi, din l-eccezzjoni hija nsostenibbli.

Illi dwar ir-**raba'** w l-ahhar **eccezzjoni** jinghad li r-rikorrenti qatt ma qalu li c-cekkijiet li gew depositati kienu *fictitious,* qalu biss li kien foloz.
Issa kien jispetta lill-intimati jippruvaw il-kuntrarju jekk dehrilhom li tali allegazzjoni kienet inveritiera.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-intimati fl-eccezzjoni taghhom, li l-Bank rikorrenti messu pprezenta azzjoni ohra quddiem Qorti ohra kompetenti fil-pajjiz fejn inhargu c-cekkijiet, u dan ghaliex ir-relazzjoni tac-cekkijiet li ma gewx onorati, kienet bejn ir-rikorrenti u l-Bank esteru. Il-Bank esteru ma jiccentrax f'din ir-relazzjoni kontrattwali w ghalhekk, tali eccezzjoni qieghda tigi wkoll michuda.

**Ghaldqstant il-Qorti, filwaqt li qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, qieghda tilqa' t-talba attrici b'dan illi qieghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' LM4,949.37 ekwivalenti ghal hdax il-elf, hames mija w tmienja w ghoxrin euro w tlieta w disghin centezmi (€11,528.93).**
**L-ispejjez u l-imghax jithallsu mill-intimati skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------